



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 28 ta' Mejju 2021
(OR. en)

Fajl Interistituzzjonali:
2018/0206(COD)

6980/2/21
REV 2 ADD 1

FSTR 25
SOC 143
SAN 140
CADREFIN 131
CODEC 367
PARLNAT 123

DIKJARAZZJONI TAR-RAĠUNIJIET TAL-KUNSILL

Suġġett: Pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari bil-ħsieb li jiġi adottat REGOLAMENTO TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jistabbilixxi l-Fond Soċjali Ewropew Plus (FSE+) u jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1296/2013

- Dikjarazzjoni tar-raġunijiet tal-Kunsill
- Adottata mill-Kunsill fis-27 ta' Mejju 2021

I. INTRODUZZJONI

1. Fit-30 ta' Mejju 2018, il-Kummissjoni ressqet il-proposta għar-Regolament dwar il-Fond Soċjali Ewropew Plus (ir-Regolament FSE+)¹, li hija parti mill-pakkett leġiżlattiv tal-Politika ta' Koeżjoni għall-2021-2027. L-għan ta' politika ġenerali tar-Regolament FSE+ hu li jgħin biex tissawwar "Ewropa Soċjali" bi prestazzjoni u reżiljenza akbar u li jimplementa l-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, kif ukoll il-prijoritajiet soċjali u tal-impjiegi approvati mill-proċess Ewropew ta' governanza ekonomika. Fit-28 ta' Mejju 2020, wara t-tifqigħa tal-COVID-19 u bħala parti mill-Qafas Finanzjarju Pluriennali 2021-27 rivedut u l-Pakkett għall-Irkupru, il-Kummissjoni pproponiet diversi emendi għall-pakkett leġiżlattiv tal-politika ta' koeżjoni 2021-2027, inkluż għar-Regolament FSE+².
2. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew adotta l-opinjoni tiegħu dwar il-proposta inizjali fis-17 ta' Ottubru 2018³ u dwar il-proposta emendata fit-18 ta' Settembru 2020⁴.
3. Il-Kumitat tar-Reġjuni adotta l-opinjoni tiegħu dwar il-proposta inizjali fil-5 ta' Diċembru 2018⁵ u dwar il-proposta emendata fl-14 ta' Ottubru 2020⁶.
4. Il-Parlament Ewropew adotta l-pożizzjoni tiegħu dwar ir-Regolament FSE+ fl-ewwel qari fis-sessjoni plenarja tiegħu fl-4 ta' April 2019.
5. Il-Grupp ta' Ħidma dwar Miżuri Strutturali eżamina r-Regolament propost dwar il-FSE+ f'għadd ta' laqgħat taħt il-Presidenza Bulgara, Awstrijaka, Rumena, Finlandiża, Kroata, Ġermaniża u dik Portugiża.

¹ Dok. ST 9573/18 + ADD 2.

² Dok. ST 8394/20.

³ ĠU C 62, 15.2.2019, p. 165.

⁴ ĠU C 429, 11.12.2020, p. 245.

⁵ ĠU C 86, 7.3.2019, p. 84.

⁶ ĠU C 440, 18.12.2020, p. 191.

6. Fit-3 ta' April 2019 il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti appoġġa l-mandat parzjali inizjali għal negozjati⁷. Fit-22 ta' Lulju 2020, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti appoġġa mandat parzjali ieħor għal negozjati mal-Parlament Ewropew b'rabta mal-proposta emendata tal-Kummissjoni għar-Regolament FSE+⁸. Barra minn hekk, fil-5 ta' Ottubru 2020, il-mandat parzjali għal negozjati ġie aġġornat mill-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti⁹ biex jitqiesu l-Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew dwar il-Qafas Finanzjarju Pluriennali 2021-27 u l-Pakkett għall-Irkupru adottati fil-laqgħa speċjali tal-Kunsill Ewropew tas-17, it-18, id-19, l-20 u l-21 ta' Lulju 2020.
7. Fuq il-bażi ta' dawk il-mandati, il-Presidenza Finlandiża, Kroata, Ġermaniża u dik Portugiża wettqu negozjati interistituzzjonali li ġew konklużi fi Frar 2021.
8. Fl-4 ta' Marzu 2021, il-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali (EMPL) tal-Parlament Ewropew approva l-eżitu tan-negozjati interistituzzjonali. Fil-5 ta' Marzu 2021, il-President tal-Kumitat EMPL indirizza ittra lill-Presidenza tal-Kunsill fejn indika li kien ser jirrakkomanda lill-Plenarja li l-pożizzjoni tal-Kunsill tiġi aċċettata mingħajr emendi, soġġett għal verifika mill-ġuristi-lingwisti, fit-tieni qari tal-Parlament.
9. Filwaqt li qies il-qbil imsemmi hawn fuq u wara r-reviżjoni mill-ġuristi-lingwisti, il-Kunsill adotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari fis-27 ta' Mejju 2021, f'konformità mal-proċedura leġiżlattiva ordinarja stabbilita fl-Artikolu 294 TFUE.

II. OBJETTIV (ARTIKOLI 3 U 4)

10. F'konformità mal-Artikoli 149, 153, 164 u 175 TFUE fost oħrajn, il-FSE+ għandu l-għan li jappoġġa lill-Istati Membri u lir-regġuni biex jiksbu livelli għoljin ta' impjiegi, protezzjoni soċjali ġusta u forza tax-xogħol b'livell għoli ta' ħiliet u reżiljenti, kif ukoll soċjetajiet inklużivi u koeżivi li għandhom l-għan li jeqirdu l-faqar u li jwettqu l-prinċipji stabbiliti fil-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali. Fl-istess ħin, il-FSE+ ser jappoġġa u jikkomplementa l-politiki diġà eżistenti tal-Istati Membri fl-oqsma msemmija hawn fuq, u jżidilhom il-valur.

⁷ Dok. 7982/19.

⁸ Dok. 9431/20.

⁹ Dok. 10881/20.

11. Il-FSE+ ser jappoġġa l-oġġettivi speċifiċi li ġejjin:

- (a) it-titjib tal-aċċess għall-impjiegi u l-miżuri ta' attivazzjoni għal dawk kollha li qed ifittxu impjieg;
- (b) il-modernizzazzjoni tal-istituzzjonijiet u s-servizzi tas-suq tax-xogħol biex jiġu vvalutati u antiċipati l-ħtiġijiet tal-ħiliet;
- (c) il-promozzjoni ta' parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol ibbilanċjata bejn il-ġeneri, kundizzjonijiet tax-xogħol ugwali, u bilanċ aħjar bejn ix-xogħol u l-ħajja privata;
- (d) il-promozzjoni tal-adattament tal-ħaddiema, l-intrapriżi u l-intraprendituri għall-bidla kif ukoll it-tixjiħ attiv u f'saħħtu;
- (e) it-titjib tal-kwalità, l-inklużività, l-effettività u r-rilevanza għas-suq tax-xogħol tas-sistemi tal-edukazzjoni u t-taħriġ;
- (f) il-promozzjoni ta' aċċess ugwali għal u t-tlestija ta' edukazzjoni u taħriġ ta' kwalità u inklużivi, b'mod partikolari għal gruppi żvantaġġati;
- (g) il-promozzjoni ta' tagħlim tul il-ħajja;
- (h) it-trawwim ta' inklużjoni attiva bil-ħsieb li jiġu promossi l-opportunitajiet indaqs, in-nondiskriminazzjoni u l-parteċipazzjoni attiva;
- (i) il-promozzjoni tal-integrazzjoni soċjoekonomika taċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi, inkluż il-migranti;
- (j) il-promozzjoni tal-integrazzjoni soċjoekonomika ta' komunitajiet marġinalizzati;
- (k) it-titjib ta' aċċess ugwali u fil-ħin għal servizzi ta' kwalità, sostenibbli u affordabbli; il-modernizzazzjoni tas-sistemi ta' protezzjoni soċjali; it-titjib tal-aċċessibbiltà, l-effettività u r-reżiljenza tas-sistemi tal-kura tas-saħħa u s-servizzi tal-kura fit-tul;
- (l) il-promozzjoni tal-integrazzjoni soċjali ta' persuni f'riskju ta' faqar jew esklużjoni soċjali;
- (m) l-indirizzar tal-privazzjoni materjali permezz ta' ikel u/jew assistenza materjali bażika lill-persuni l-aktar fil-bżonn.

Barra minn hekk, minbarra l-objettivi speċifiċi msemmin hawn fuq, il-fergħa tal-FSE+ b'għestjoni kondiviża ser tikkontribwixxi wkoll għall-objettivi ta' politika minnuxxa fl-Artikolu 5 tar-Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni.

12. Fejn strettament meħtieġ u bħala miżura temporanja bi tveġiba għal ċirkostanzi eċċezzjonali jew mhux tas-soltu, l-FSE+ jista' jappoġġa l-finanzjament ta' skemi ta' xogħol b'ħinijiet iqsar (mingħajr ir-rekwiżit li dawn jiġu kkombinati ma' miżuri attivi) kif ukoll l-aċċess għall-kura tas-saħħa inkluż għal persuni li mhumiex f'vulnerabbiltà soċjoekonomika imminenti.

III. ANALIŻI TAL-POŻIZZJONI TAL-KUNSILL FL-EWWEL QARI

(a) Implimentazzjoni b'għestjoni kondiviża (Artikolu 7 sa 24)

13. Il-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari ssib bilanċ tajjeb bejn l-objettivi speċifiċi differenti li għandu jaħdem għalihom il-FSE+, li jirriflettu l-isfidi soċjali ewlenin li l-Ewropa qed tħabbat wiċċha magħhom bħalissa fil-kuntest tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, u r-rekwiżiti ta' konċentrazzjoni tematika li jallokaw l-appoġġ meħtieġ għal oqsma ewlenin identifikati mill-koleġislaturi (il-faqar fost it-tfal, l-inklużjoni soċjali, il-qgħad fost iż-żgħażaġh, l-appoġġ għall-persuni l-aktar fil-bżonn u l-bini tal-kapaċitajiet tas-sħab soċjali u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili).
14. F'dan il-kuntest, il-ftehim li ntlaħaq dwar il-konċentrazzjoni tematika tar-riżorsi tal-FSE+ (l-Artikolu 7 u -parzjalment- l-Artikolu 9) jipprevedi li:
 - L-Istati Membri ser jallokaw mill-inqas 25 % tar-riżorsi nazzjonali tagħhom tal-fergħa tal-FSE+ b'għestjoni kondiviża biex irawmu l-inklużjoni soċjali;
 - L-Istati Membri li kellhom rata medja oġhla mill-medja tal-Unjoni ta' tfal ta' inqas minn 18-il sena f'riskju ta' faqar jew esklużjoni soċjali għall-perijodu bejn l-2017 u l-2019 (data tal-Eurostat) ser jallokaw mill-inqas 5 % tar-riżorsi tagħhom tal-fergħa tal-FSE+ b'għestjoni kondiviża għal daww l-attivitajiet;
 - L-Istati Membri li kellhom rata medja oġhla mill-medja tal-Unjoni ta' żgħażaġh ta' bejn il-15 u d-29 sena barra mill-edukazzjoni, impjeg jew taħriġ għall-perijodu bejn l-2017 u l-2019 (data tal-Eurostat) ser jallokaw mill-inqas 12,5 % tar-riżorsi tagħhom tal-fergħa tal-FSE+ b'għestjoni kondiviża għal daww l-azzjonijiet;

- L-Istati Membri ser jallokaw mill-inqas 3 % tar-riżorsi tagħhom tal-fergħa tal-FSE+ b'għestjoni kondiviża biex jindirizzaw il-forom ta' faqar estrem bl-akbar impatt ta' esklużjoni soċjali, bħall-problema ta' persuni mingħajr dar, il-faqar fost it-tfal u l-privazzjoni tal-ikel;
 - L-Istati Membri ser jallokaw ammont xieraq mir-riżorsi tagħhom tal-fergħa tal-FSE+ b'għestjoni kondiviża f'kull programm għall-bini tal-kapaċitajiet tas-sħab soċjali u tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili. Dawk l-Istati Membri b'rakkomandazzjoni speċifika għall-pajjiż f'dan il-qasam ser jallokaw ukoll mill-inqas 0,25 % tar-riżorsi tal-FSE+ għal dak il-għan.
15. F'kuntest fejn l-innovazzjoni u l-kooperazzjoni tranżnazzjonali fil-qasam soċjali qed jaqdu rwol dejjem aktar importanti, l-Istati Membri ser jappoġġaw ukoll azzjonijiet ta' innovazzjoni soċjali u esperimentazzjoni soċjali, filwaqt li jsaħħu approċċi minn isfel għal fuq imsejsa fuq sħubijiet (l-Artikolu 14), u ser ikollhom ukoll il-possibbiltà li jippromwovu u jappoġġaw azzjonijiet ta' kooperazzjoni tranżnazzjonali skont kwalunkwe wieħed mill-obiettivi speċifiċi tal-FSE+ (l-Artikolu 15).
16. Fl-istess ħin, il-fergħa tal-FSE+ b'għestjoni kondiviża tagħmel ċar x'tip ta' appoġġ mhuwiex eliġibbli (l-Artikolu 16). Ix-xiri ta' art u proprjetà immobbli kif ukoll infrastruttura ma jistax jiġi appoġġat. Barra minn hekk, ix-xiri ta' għamara, tagħmir u vetturi (għajr meta tali xiri jkun meħtieġ biex jintlaħaq l-objettiv tal-operazzjoni, jew dawk l-oġġetti jiġu deprezzati għalkollox, jew ix-xiri ta' dawk l-oġġetti jkun l-aktar alternattiva ekonomika) huwa wkoll xiri ta' oġġetti mhux eliġibbli.
17. Il-Kapitolu III (l-Artikoli 18 sa 24) jiffoka biss fuq l-assistenza materjali li qabel kienet parti mill-FEAD, u jkopri l-prinċipji għall-appoġġ, ir-regoli dwar ir-rappurtar, l-eliġibbiltà, l-indikaturi u l-awditjar għall-miżuri taħt l-FSE+ li jindirizzaw il-privazzjoni materjali. Il-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari żżomm l-istruttura ta' dan il-Kapitolu mill-proposta tal-Kummissjoni, filwaqt li żżomm approċċ uniku u ma timponix regoli aktar impenjattivi (eż. għar-rappurtar ta' data dwar l-indikaturi, jew regoli dwar ir-rekord tal-awditjar) għal dawn it-tipi ta' operazzjonijiet, li jkollhom limiti minimi aktar baxxi għall-parteeċipazzjoni u għaldaqstant joħolqu inqas piż amministrattiv.

(b) Implimentazzjoni b'ġestjoni diretta u indiretta (Artikoli 25 sa 36)

18. Il-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari dwar il-fergħa tal-Impjiegi u l-Innovazzjoni Soċjali (il-fergħa tal-EaSI) tinkludi dispożizzjonijiet dwar l-oġettivi operazzjonali, l-azzjonijiet u l-entitajiet eliġibbli, il-pajjiżi terzi assoċjati, il-forom ta' finanzjament tal-UE u l-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni kif ukoll kwistjonijiet oħra ta' implimentazzjoni (eż. il-programm ta' ħidma, il-monitoraġġ u r-rappurtar, l-evalwazzjoni, l-awditi, l-informazzjoni u l-komunikazzjoni, u l-pubbliċità).
19. Il-fergħa tal-EaSI ser ikollha l-oġettivi operazzjonali li ġejjin (Artikolu 25):
- (a) l-iżvilupp ta' għarfien analitiku komparattiv ta' kwalità għolja;
 - (b) il-faċilitazzjoni tal-kondiviżjoni effettiva u inklużiva tal-informazzjoni, it-tagħlim reċiproku, l-evalwazzjonijiet bejn il-pari u d-djalogu dwar il-politiki rilevanti;
 - (c) l-appoġġ tal-esperimentazzjoni soċjali u l-bini tal-kapaċitajiet tal-partijiet ikkonċernati rilevanti;
 - (d) il-faċilitazzjoni tal-mobbiltà ġeografika volontarja tal-ħaddiema u ż-żieda tal-opportunitajiet ta' impjieg;
 - (e) l-appoġġ għall-iżvilupp tal-ekosistema tas-suq madwar il-provvista ta' mikrofinanzjament lill-mikrointrapriżi fil-fażijiet tal-bidu u tal-iżvilupp;
 - (f) l-appoġġ għan-networking fil-livell tal-Unjoni u d-djalogu ma' u fost il-partijiet ikkonċernati rilevanti u l-kontribut għall-bini tal-kapaċità istituzzjonali tagħhom;
 - (g) l-appoġġ tal-iżvilupp tal-intrapriżi soċjali u ta' suq tal-investiment soċjali;
 - (h) l-għoti ta' gwida għall-iżvilupp tal-infrastruttura soċjali meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali;
 - (i) l-appoġġ għall-kooperazzjoni tranżnazzjonali biex jitħaffef it-trasferiment, u biex tiġi ffaċilitata l-espansjoni, ta' soluzzjonijiet innovattivi; u
 - (j) l-appoġġ għall-implimentazzjoni ta' standards internazzjonali rilevanti soċjali u tax-xogħol.

20. Il-fergħa tal-EaSI tista' wkoll tappoġġa l-azzjonijiet li ġejjin (Artikolu 26):

- (a) attivitajiet analitiċi, inkluż b'rabta ma' pajjiżi terzi;
- (b) l-implimentazzjoni ta' politiki;
- (c) il-bini ta' kapaċitajiet;
- (d) attivitajiet ta' komunikazzjoni u tixrid;

(c) Dispożizzjonijiet oħrajn (Artikoli 37 sa 42)

21. Minbarra dispożizzjonijiet pjuttost standard f'atti leġislattivi oħrajn bħal dawk relatati mal-eżerċizzju tal-proċeduri ta' delega u ta' kumitat (f'dan il-każ għall-FSE+ b'ġestjoni kondiviża), il-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari tiggarrantixxi, skont l-Artikolu 39, l-involviment tal-Kumitat stabbilit skont l-Artikolu 163 TFUE, li jista' jagħti opinjonijiet dwar suġġetti rilevanti tal-FSE+ u ser iwaqqaf gruppi ta' ħidma għal kull fergħa tal-FSE+.
22. Sabiex tiġi żgurata l-kontinwità fl-għoti ta' appoġġ fil-qasam ta' politika rilevanti u biex tkun possibbli l-implimentazzjoni mill-bidu tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali 2021-2027, il-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari, skont l-Artikolu 42, tqis li hu xieraq li r-Regolament jiġi applikat b'effett retroattiv b'rabta mal-fergħa tal-EaSI, mill-1 ta' Jannar 2021.

IV. KONKLUŻJONI

23. Il-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari tirrifletti l-kompromess li ntlaħaq fin-negozjati bejn il-Kunsill u l-Parlament Ewropew, bl-appoġġ tal-Kummissjoni.
24. Il-Kunsill jemmen li l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari tikkostitwixxi test ibbilanċjat li jissodisfa l-oġġettivi kollha tar-Regolament FSE+.